## TRANSITANEA

*Hemm bidu għal kollox;*
*hemm tmiem.*
*Il-qamar li twelled id-dalma tal-lejl*
*imċajpar, marradi, musfar,*
*jintilef ġol-iżraq ta' għodwa xemxija*
*xħin jerġa' jiċkien u jisfar*
*u l-lejl jibqa' mdallam tul xahar.*
*Ix-xita li traxxax tul xitwa imxarrba*
*bit-tajn u ċ-ċaflis*
*tintilef fin-newba tal-ward u t-tpespis.*
*It-tama li tiftaħ*
*bħal qronfla kemm kemm*
*tinsteħet bil-ħarta tan-niket u l-hemm.*
*Il-milja tad-dwejjaq li taqsam il-qalb*
*tisserraħ bil-mewt u bit-talb......*
*Hemm bidu għal kollox;*
*hemm tmiem.*

*Imm' oh! bejn il-bidu u t-tmiem*
*kemm żifna ta' ħajja, ta' ġmiel u ta' sliem!*
*Kemm ljieli ta' seħer,*
*kemm ġonna ta' ward,*
*kemm Ġunju jixxala bil-ħala tal-lwien u taż-żmien!*
*U f'nofshom hemm int!*
*Hemm inti sabiħa*
*bħal warda ta' Mejju,*
*bħal ġilju tal-wied,*
*bħal xemx ta' filgħodu*
*li tfernaq qalb l-aħmar u l-ikħal u l-isfar fis-skiet;*
*bħal raxxa ta' kwiekeb fl-għaxija*
*li tisraq l-għajnejn,*
*bħal ġirja ta' xmara qawwija*
*li taqta' nifisha biex tgħib f'tal-baħar ix-xejn!*

8/vi/'50. WALLACE GULIA.